**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 604/2021**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**BERTRAM ZAHRA**

**Illum, 3 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **BERTRAM ZAHRA** ta' 31 sena, iben Joseph u Emmanuela nee' Spiteri li twieled ġewwa l-Pieta' nhar l-14 ta' Lulju 1990, iddikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz Tilbury, Flat 9, Triq iċ-Ċimiterju, Żabbar u detentur tal-karta tal-identita' 340390M li tressaq quddiemha akkużat talli nhar is-17/09/2021 għall-ħabta ta' 00:15hrs u fis-sigħat u jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Ikkaġuna lil konjuga u ċioe' Joanne Debono li tiġi omm bintu Jade, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta' l-

imsemmija minuri, tali delitti relatati twettqu bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u ripetutament.

2. Ikkaġuna lil konjuga u cioe' Joanne Debono li tiġi omm bintu Jade, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha fil-preżenza ta' l-imsemmija minuri, tali delitti relatati twettqu bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u ripetutament.

Akkużat ukoll talli fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2021, u is-17 ta' Settembru 2021, ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-ġżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni waħda.

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal inqas minn €2,500 għad-dannu ta' Joanne Debono.

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Joanne Debono, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

5. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Joanne Debono.

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Joanne Debono, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali.

8. Kiser il-kudizzjonijiet tal-liberta provizorja impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkometix reat ieħor.

9. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr Victor Axiaq LL.D, f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kkundizzjonijiet fosthom li ma jikkometix reat ieħor

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' April 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 251A, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 325(b)(c)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikolu 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
10. Fl-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
11. Fl-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-24 ta' April 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat illi d-difiża baqgħet ma ppreżentat ebda nota ta' sottomissjonijiet kif awtorizzat fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dispjaċir bla qies tagħha għad-dewmien inutili li ġie kkaġonat f'dawn il-proċeduri minħabba l-inerzja totali tal-Avukat Ġenerali li dam sentejn sħaħ jibgħat rinviju wara l-ieħor fejn talab lill-Qorti tisma' x-xhieda tal-Pulizija meta l-Prosekuzzjoni kienet ilha tiddikjara, seduta wara l-oħra, li ma kellhiex iktar provi - qabel iddeċieda li jibagħat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fit-22 ta' April 2024. Fil-fehma tagħha dan huwa każ klassiku ta' amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja da parti tal-Avukat Ġenerali għad-detriment tal-imputat kif ukoll tal-vittma b'ħela ta' ħin enormi wkoll għall-Pulizija, il-Qorti u l-istaff amministrattiv u tikkundanna dan l-abbuż flagranti tal-proċediment tal-kompilazzjoni tax-xhieda.

Illi dan il-każ huwa wieħed ta' vjolenza domestika kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imputat u l-allegat vittmaFF, Joanne Debono, kienu f'relazzjoni u minn din ir-relazzjoni għandhom wild minuri in komun.

**Joanne Debono** xehdet illi kienet għamlet tmien snin f'relazzjoni mal-imputat u flimkien għandhom tifla ta' erba' snin. Madwar ġimagħtejn qabel l-inċident li seħħ fis-16 ta' Settembru 2021, kienet temmet ir-relazzjoni tagħhom, telqet mir-residenza fejn kienu joqgħodu ġewwa Ħal Luqa u marret toqgħod Marsaskala. Dakinhar, kienu argomentaw u l-imputat kien irrabjat ħafna, beda jgħajjat u jkisser l-affarijiet fid-dar u għalhekk kienet qabdet u telqet bit-tifla b'ta' fuqha u senduqha u fix-xhieda tagħha qalet li beżgħet terġa' tmur lura d-dar biex tieħu l-ħwejjeġ tagħha. Madankollu, billi kienet ftiehmet mal-imputat biex jibqa' jkollu aċċess għal bintu, baqgħu jitkellmu kuljum minħabba t-tifla. L-imputat kien qalilha li ma riedx jaċċetta l-fatt li kienet telqitu u kien jitlobha ripetutament biex jerġgħu jirranġaw iżda hi rrifjutat għaliex kienet tatu diversi opportunitajiet qabel biex jinbidel u biex jieħu l-għajnuna għall-problema tan-nuqqas ta' kontroll tar-rabja u biex jieħu l-kura għall-kundizzjoni tal-'ADHD', iżda minkejja dan, huwa ma kienx jieħu l-kura psikjatrika jew il-mediċini bis-serjeta'.

Fil-15 ta' Settembru 2021 l-imputat kien bagħtilha ħafna messaġġi biex jirranġaw u kien qalilha wkoll li ma kienx ser iħalliha tkun ma' ħaddieħor u tgħix ħajjitha bil-kwiet.

Fis-16 ta' Settembru 2021 marret biex tiġbor it-tifla mingħand l-imputat ġewwa Ħaż Żabbar għall-ħabta tad-9.30 p.m. u kellhom argoment għaliex l-imputat ried li t-tifla torqod għandu iżda t-tifla ma riditx, u ftiehmu li kellha terġa' teħodlu t-tifla l-għada filgħodu. Madankollu, baqgħu ma ftiehmux fuq il-ħinijiet tal-aċċess. Joanne Debono xehdet illi dak il-ħin baqgħet nieżla Marsaskala fejn toqgħod u l-imputat beda jibagħtilha messaġġi u jċemplilha l-ħin kollu fejn beda jgħidlha biex teħodlu t-tifla filgħodu u li kien ser jinżel Marsaskala. Hi qaltlu biex ma jiġix hemmhekk għaliex it-tifla kienet rieqda iżda meta waslet quddiem id-dar tagħha u kienet għadha fil-karozza tagħha bit-tifla rieqda fuq is-seat ta' wara, għaliex kienet qed bagħtet messaġġ fuq il-mobile phone biex tirranġa għal trasport għax-xogħol, rat lill-imputat ħdejn il-karozza tagħha u qalilha li jrid ikun jaf lil min kienet qed tibgħat il-messaġġi. Kellha t-tieqa tal-karozza ftit imbexxqa u l-imputat daħħal idejh, ħadilha l-mobile phone minn idejha

u beda jistaqsiha għall-pin number biex jidħol fil-mobile iżda meta hi rrifjutat, telaq bih. Wara xi ħames minuti, waddbilha l-mobile minn naħa tat-triq għall-oħra u meta marret tiġbru rat li kellu l-iscreen imkisser.

Joanne Debono xehdet illi dak il-ħin kienet qed tibża' għaliex l-imputat deher irrabjat ħafna, u għalhekk reġgħet daħlet fil-karozza, sakkret il-bibien u startjat il-karozza biex titlaq minn fuq il-post. Iżda qabel irnexxielha titlaq l-imputat reġa' ġie ħdejn il-karozza, ta daqqa ta' sieq fuq il-bieba u daqqa ta' ponn fuq il-windscreen. Sostniet illi b'riżultat ta' dawn id-daqqiet, il-windscreen ixxaqqaq min-nofs u l-bieba ma tistax tingħalaq. Stqarret ukoll li bezgħet ħafna meta rat lill-imputat ikisser il-karozza u għalhekk, minkejja li huwa kien quddiem il-karozza, baqgħet issuq. Marret tfittex l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsaskala biex tagħmel rapport, izda meta waslet ħdejn il-knisja, rat li l-imputat ħiereġ minn karozza fin-nofs tat-triq u għalhekk baqgħet issuq lejn l-Għassa ta' Ħaż Żabbar. Taħseb li setgħet laqtitu ftit bil-karozza tagħha għaliex ippanikkjat meta ratu fin-nofs tat-triq. Meta waslet l-Għassa ta' Ħaż Zabbar, ħalliet il-karozza fin-nofs, qabdet lit-tifla li sadanittant kienet qamet u daħlu fl-Għassa. Minn hemmhekk ġiet akkumpanjata lejn is-sezzjoni tal-vjolenza domestika ġewwa l-Furjana u meta kienet qed tirrapporta dak li kien ġara lill-uffiċjal tal-Pulizija, l-imputat reġa' beda jċemplilha fuq il-mobile minn Whatsapp u b'kollox ċempel madwar tmenin darba waqt li kienet qed tagħmel ir-rapport. L-uffiċjal tal-Pulizija kienet qaltlu biex twieġbu biex tara xi jrid u kien qalilha li jrid ikellimha fuq it-tifla iżda t-tifla bdiet tibki għaliex kienet qed tibża' u għalhekk qatgħetlu.

**PC 2033 Charlene Calleja** ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi għall-ħabta ta' nofsilejl fis-17 ta' Settembru 2021, Joanne Debono kienet marret fis-sezzjoni kontra l-vjolenza domestika biex tirrapporta lill-imputat u kienet tatha l-verżjoni tagħha dwar dak li kien seħħ fis-sigħat ta' qabel, inkluż il-ħsarat li kien ikkaġuna fil-mobile phone u fil-karozza tagħha. Spjegatilha wkoll illi l-imputat kien segwiha bil-karozza u kien qed jibagħtilha messaġġi u telefonati kontinwament. Ikkonfermat fuq kollox illi waqt li Joanne Debono kienet qed tagħmel dan ir-rapport quddiemha, l-imputat baqa' jċemplilha kontinwament, kemm fuq il-mobile phone bil-Whatsapp, kif ukoll fuq

messenger, iżda Joanne ma riditx twieġbu. PC 2033 xehdet illi dak il-ħin kienet ikkuntattjat lill-imputat hi stess fuq in-numru 99358913 u spjegatlu li kienet qed iċċempel quddiem Joanne Debono li kienet qed tagħmel rapport fil-konfront tiegħu u talbitu biex jieqaf iċempel lil Joanne u biex iħallilha bi kwietha, fejn l-imputat wieġeb li ma kienx ser jieqaf u li Joanne kien ser ikollha l-inkwiet u qata'. Fil-fatt, xorta waħda baqa' jċempel lil Joanne ripetutament quddiemha. B'kollox stabbilixxiet li kienu saru minn Bertram Zahra erbgħa u ħamsin (54) telefonata li ma ġewx imwieġba, liema telefonati saru fuq Whatsapp, messenger u fuq il-linja diretta ta' Joanne Debono - dan kollu f'ħin ta' madwar tliet kwarti ta' siegħa sakemm sar ir-rapport.

**L-imputat, Bertram Zahra**, ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija awdjo-viżiva lill-Pulizja waqt l-interrogazzjoni fis-17 ta' Settembru 2021, liema stqarrija ġiet traskritta (Dok. KV). Huwa ammetta li kien iċempel lil Joanne Debono mil-linja tiegħu bin-numru 99358913, biex jipprova jikkonvinċiha jirranġaw ir-relazzjoni iżda hi ma riditx. Madankollu, għalkemm jaqbel li kien qed iċemplilha kontinwament sa jumejn qabel, ċaħad li kien qalilha li jekk ma tkunx miegħu ma tkun ma ħadd iktar u li kien ser jitfagħha seba' piedi taħt l-art, u sostna li jinsab f'relazzjoni ma' mara oħra. Stqarr li kien baqa' jċempel lil Joanne kontinwament, inkluż meta kienet qed tagħmel rapport quddiem il-Pulizija, għaliex ried ikellimha fuq it-tifla biex jieħu lit-tifla iżda Joanne kienet qed taqtagħlu. Ċaħad ukoll li kien segwa lil Joanne meta telqet mid-dar tiegħu f'Ħaż Żabbar u kissrilha l-windscreen u l-pum tal-bieba tal-karozza tagħha, u sostna li kien taha t-tifla u kienet telqet 'l hemm.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi fil-fehma tagħha, il-verżjoni tal-imputat li mhux minnu li kien segwa lil Joanne Debono fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Settembru 2021 wara li kienet ġabret it-tifla mingħandu fid-9.30 p.m., u li ma kienx aġixxa b'mod aggressiv fil-konfront tagħha, m'hijiex verosimili u hija mminata serjament mill-ġabra tal-provi l-oħra li ġew imressqa mill-Prosekuzzjoni. Minn qari tal-messaġġi li ġew estrapolati mill-espert ġudizzjarju, Keith Cutajar, mill-mobile phone li ġie konfiskat

mill-pussess tal-imputat (Dok. EH9)[1] bħala messaġġi li ntbagħtu lil Joanne Debono fuq in-numru 99902696, jirriżulta li kien intbagħat messaġġ fit-2 ta' Settembru 2021, fejn intqal "*issa il carozza nifqalek u ajdilom il puluzija ta li qabt inti tparla fil vojt*"[2]. Iktar minn hekk, bejn 21:59h u u 23:42h fis-16 ta' Settembru 2021, ċioe' fil-ħinijiet minnufih wara illi Joanne Debono kienet ġabret lit-tifla mingħand l-imputat, huwa bagħatilha xejn inqas minn 23 messaġġi in fila[3], fejn fost oħrajn qalilha "*Ara majfetilekx matorinix itifla ax bigbira tkun et navzak ta*", "***Tridni nerga ninzel witilajn u nerga***, *aqbadni issma minni*" u "*... issma minni aqbadni tkomplix tkabbarom issma mini ax sajidispjecik Jo*"[4].

Dawn il-messaġġi, sija in kwantu l-kontenut u sija wkoll in kwantu l-kwantita' tagħhom, huma pjenament konsistenti mal-verżjoni ta' Joanne Debono illi dak il-lejl, l-imputat segwiha sa quddiem ir-residenza tagħha f'Wied il-Għajn, kissrilha l-mobile phone u għamel ħsara fil-karozza tagħha, u in segwitu beda jċemplilha kontinwament u bla waqfien. Verżjoni li ġiet ulterjorment imsaħħa mix-xhieda ta' PC 2033 Charlene Calleja li kkonfermat illi Bertram Zahra kien qed iċemplilha kontinwament waqt li kienet quddiemha tagħmel ir-rapport fis-Sezzjoni kontra l-Vjolenza Domestika, tant illi b'kollox għoddiet illi kien ċempel 54 darba. Ikkonfermat ukoll li meta kienet ċemplitlu lura hi stess fuq in-numru 99358319 – l-istess numru li l-imputat innifsu stqarr li huwa n-numru tal-linja tal-mobile phone tiegħu - kien insista magħah li mhux ser jieqaf iċempel lil Joanne u ser ikollha l-inkwiet. Il-Qorti tosserva wkoll li l-provi juri li din ma kienetx l-ewwel darba li l-imputat bagħat messaġġi persistenti u kontinwi lil Joanne Debono wara li temmet ir-relazzjoni tagħhom, għaliex ir-rapport Dok. KC juri biċ-ċar illi biss il-lejl ta' qabel, bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 2021, l-imputat ma waqafx jibagħtilha messaġġi ikarrab sabiex imur ħdejha, minkejja li talbitu ripetutament biex jieqaf jibgħat għaliex kien tard bil-lejl u riedet tmur torqod[5].

---

[1] Mobile phone tal-marka Redmi, ta' lewn blu.
[2] Paġna 180 tal-atti tal-kompilazzjoni - Dok. KC.

[3] Ma jidhrix li Joanne Debono kienet wieġbet għal xi wieħed minn dawn il-messaġġi.
[4] Fil-ħin ta' 23:27h, 23:40h u 23:42h, rispettivament, paġna 60 tar-rapport Dok. KC.
[5] F'dawn il-messaġġi, l-imputat kien qiegħed evidentement qed jitlob lil Joanne Debono biex taħfirlu, biex jirrikonċiljaw u biex tagħtih opportunita' oħra għaliex jiddispjaċih ħafna għal dak li kien għamlilha, kien għadu jħobbha ħafna u mingħajrha ħajtu spiċċat.

Il-Qorti hija konvinta illi l-verżjoni ta' Joanne Debono għandha mis-sewwa, inkluż fejn sostniet illi sakemm seħħ l-inċident li ta lok għall-akkużi, hija qatt ma ċaħdet lill-imputat milli jara lil bintu. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-imputat fl-istqarrija tiegħu, jirriżulta mill-iskambju tal-messaġġi li jidhru fir-rapport Dok. KC illi Joanne Debono, minkejja li kienet temmet ir-relazzjoni tagħhom ġimagħtejn qabel, kienet saħansitra qaltlu li jista' jiġi għandha d-dar biex jara lit-tifla iżda mhux biex jgħix magħhom[6]. Barra minn hekk, kif jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PS 2203 Charlene Calleja, il-verżjoni li ġiet rapportata lilha min Joanne Debono hija konsistenti fl-aspetti kollha tagħha mal-verżjoni li l-istess vittma xehdet dwarha fil-qorti.

Għandu jiġi osservat ukoll illi d-daqqa li tidher fil-pum u fil-bieba tan-naħa tax-xufier tal-vettura ta' Joanna Debono[7] hija kompatibbli mad-daqqa ta' sieq kif ukoll mal-ħsara li ġiet deskritta minn Joanne Debono fix-xhieda tagħha, fejn sosniet li minħabba d-daqqa l-bieba ma tistax tingħalaq u trid tinrabat. Anke t-tkisser li jidher fil-windscreen tal-istess vettura huwa kompatibbli ma' ħsara kkaġonata minn daqqa ta' ponn bħal dik ġie deskritt fix-xhieda tal-istess Joanne Debono.

Fuq kollox, ix-xhieda ta' Joanne Debono mhux biss ma ġietx kuntrastata jew kontradetta bl-ebda mod, iżda hija konsistenti fl-aspetti kollha tagħha kif ukoll sostanzjata minn evidenza diretta u ċirkostanzjali oħra. Għalhekk, il-Qorti sejra tagħtiha affidabbilita' pjena bħala rappreżentanti l-verita' dwar il-fatti li seħħew fil-perijodu tal-akkużi u sejra twarrab bħala inverosimili u mhux ippruvat lanqas sal-grad tal-probabbli, il-verżjoni tal-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Ikkunsidat;

---

[6] Ara fost oħrajn messaġġ tas-16 ta' Settembru 2021 f'00:00h, paġna 43 tar-rapport Dok. KC (paġna 229 tal-atti tal-kawża).

[7] Ara ritratt f'paġna 5 u paġna 6 tar-rapport Dok. MB1 - paġna 149 u 150 tal-atti tal-kompilazzjoni.

Illi stabbilit dan, il-Qorti sejra issa tistħarreġ l-akkużi fid-dawl tar-riżultanzi tal-provi proċesswali, sabiex tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova sal-grad meħtieġ fil-kamp kriminali, il-ħtija tal-imputat għar-reati li dwarhom ġie mixli.

Illi l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, li huwa r-reat tal-fastidju.

Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-artikolu 251A tal-Kap. 9 jipprovdu li jkun ħati tar-reat tal-fastidju, kull min:

(a) iġib ruħu b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew
(b) iġib ruħu b'mod li jkun jaf jew ikun imissu jkun jaf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;

Is-subartikolu (2) tal-artikolu 251A jippreċiża illi persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk, fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-kondotta li tikkostitwixxi r-reat ta' fastidju ma ġietx definita espressament fil-Kodiċi Kriminali u huwa biss l-artikolu 251Ċ li b'riferenza, *inter alia*, għar-reat taħt l-artikolu 251A, jipprovdi deskrizzjoni tal-imġieba li tista' tammonta għal fastidju: "*Fl-artikoli 251A sa 251BA, it-tnejn inklużi, riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata'jew idejjaq lill-persuna.*".

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) jiddekskrivi l-kondotta li jammonta għal fastidju, hekk[8]:-

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"*[9]

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, ġie ritenut:-

*"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli.****"*[10]

L-istess Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[11], qalet ukoll:-

[9] **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) 2.05.2013. Enfasi ta' din il-Qorti.
[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] Deċiża 21.6.2007.

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*… … …*

*…* ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi****."*[12]

Il-Qorti sejra tistħarreġ jekk fl-aġir tal-imputat, kif jirriżulta mill-provi tal-Prosekuzzjoni, humiex riskontrabbli l-elementi kollha tar-reat tal-fastidju.

Tibda biex tosserva illi l-imputat ma waqafx jibgħat messaġġi lil Joanne Debono fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 2021 - messaġġi li mix-xhieda tagħha u anke minn qari ħafif tagħhom, il-Qorti fehmet li kienu mhux biss oppressivi iżda kien fihom ukoll xejra ta' theddid. Dan qed jingħad għaliex f'dawn il-messaġġi l-imputat qalilha li jekk ma tkunx tiegħu, ma tkun ta' ħadd[13], u ta wkoll x'jifhem li jekk ma tridux lura kien ser jagħmel ħsara lilu nnifsu[14]. Iktar minn hekk, l-imputat baqa' jibgħat lil Joanne Debono messaġġ wara l-ieħor b'mod mhux interrott minkejja li talbitu diversi drabi biex jieqaf għaliex kienet għajjiena u ma riditx tkompli tikkomunika miegħu.

Imbagħad l-għada, fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Settembru 2021, l-imputat, wara li segwa lil Joanne Debono sad-dar tagħha u għamel xenata b'għajjat u tkissir, ċemplilha xejn inqas minn 54 darba u bagħtilha xejn inqas minn 23 messaġġ fi spazju ta' sagħtejn. Evidentement, Joanne Debono ma xtaqitx twieġeb u fil-fatt ma wieġbet

---

[12] Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[12], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret:- *"… hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. … Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa."* Enfasi ta' din il-Qorti.

[13] Ara messaġġ li ntbagħat fis-16 ta' Settembru 2021 f'00:10 (paġna 45 ta' Appendice 2 tar-rapport Dok. KC), paġna 231 tal-atti tal-kawza.

[14] Ara messaġġi bejn 23:20 u 23:26 fil-15 ta' Settembru 2021, f'paġni 219 u 220 tal-atti tal-kawza (Appendice 2 tar-rapport Dok. KC, paġni 33 u 34).

ebda wieħed minn dawn il-messaġġi u telefonati, ħlief għal telefonata waħda li qalet li kienet wieġbet fuq struzzjonijiet tal-uffiċjal tal-Pulizija li kienet qed tniżżel ir-rapport tagħha fis-Sezzjoni kontra l-Vjolenza Domestika.

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan l-aġir persistenti tal-imputat huwa ravviżabbli imġieba oppressiva li evidentement, kienet intiża li tpoġġi lil Joanne Debono taħt pressjoni inġusta biex tirrikonċilja miegħu jew biex jassigura li jara lil bintu meta jiddetta hu. Fir-rigward speċifikatament l-imġieba tal-imputat fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Settembru 2021, huwa minnu li dan l-aġir ripetittiv jidher li kien xprunat mill-fatt li l-vittma baqgħet ma kkonfermatlux li kienet ser teħodlu t-tifla fil-għodu, iżda huwa wkoll minnu li l-imputat kien diġa' segwiha bil-moħbi minn Ħaż Zabbar sa quddiem id-dar tagħha ġewwa Marsakala fejn aġixxa b'mod vjolenti u aggressiv fil-konfront tagħha, tant illi kissirlha l-mobile phone u għamel ħsara lill-karozza tagħha.

Iktar minn hekk, il-provi juru wkoll illi Joanne Debono ħassitha ansjuża u allarmata anke bil-fatt illi l-imputat reġa' segwiha meta marret tfittex l-Għassa tal-Pulizija ta' Marsakala biex tirrapportah, tant illi baqgħet issuq minkejja li kien fin-nofs tat-triq, biex tfittex tibqa' sejra biex tagħmel rapport fl-Għassa ta' Ħaż Żabbar.

F'kull każ, hija l-fehma tal-Qorti li r-rejazzjoni tal-imputat meta l-ewwel tfaċċa quddiem ir-residenza ta' Joanne Debono, u mbagħad kompla jsegwiha meta telqet minn fuq il-post, u in segwitu beda iċemplilha ripetutament u jibgħat messaġġi ta' tgħajjir u theddid kontinwament – dan kollu sempliċement għaliex riedha teħodlu t-tifla l-għada filgħodu - ma hijiex waħda leġittima jew ta' persuna raġjonevoli, iżda hija rejazzjoni estrema u sproporzjonata, iktar u iktar meta l-provi juru illi Joanne Debono ma kienetx qiegħda ċċaħħad lill-imputat minn aċċess għal bintu. L-ispjegazzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija in sostenn tal-ammont ta' messaġġi u telefonati li għamel lil Joanne Debono fis-16 ta' Settembru 2021, ma tikkostitwixxix raġuni valida għall-aġir oppressiv u suffokanti tiegħu.

Dan kollu meħud komplessivament hu biżżejjed għall-Qorti biex tirravviża fl-imġieba persistenti u aggressiv tal-imputat f'iktar minn okkażjoni waħda, kondotta li tinkwadra sfiq fl-aġir kriminuż punibbli taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9 bħala fastidju. Kif rajna, huwa stabbilit b'mod konklussiv mill-provi illi l-istanzi tal-aġir tiegħu – kompriż il-messaġġi persistenti u soffokanti li bagħat matul il-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 2021 minkejja diversi talbiet biex jieqaf, u fuq kollox fl-aġir oppressiv tiegħu fuq medda ta' iktar minn sagħtejn fil-lejl ta' wara, bejn is-16 u s-17 ta' Settembru 2021 fejn segwa lill-vittma minn Ħaż Żabbar għal Marsakala, aġixxa vjolentement barra r-residenza tagħha u ċemplilha bla waqfien 54 darba - nissel fil-vittma element distint ta' dwejjaq u ansjeta' tant illi fl-aħħar irrapportat dan l-aġir lill-Pulizija. Fuq kollox, il-Qorti ma riskontrat f'dan l-egħmil ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) tal-artikolu 251A(3) tal-Kap. 9 li, jekk ipprovat, jinnewtralizza l-prova tal-fastidju.

Għaldaqstant, l-elementi kollha tal-fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9 huma sodisfatti u l-imputat sejjer jinsab ħati ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa akkużat ukoll bir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 li jiddisponi li huwa ħati tar-reat kull min bl-imġieba tiegħu jikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), u jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.

Bħar-reat tal-fastidju, ir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 ukoll jeħtieġ il-prova tal-kondotta ripetuta. Iżda b'żieda ma' dan, jeħtieġ ukoll il-prova li l-aġent wettaq atti materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza, kif ukoll il-prova tal-biża' li dawn l-atti jkunu effettivament qanqlu fis-soġġett passiv tar-reat: biża' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni msemmija fl-

artikolu tal-liġi. Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi deżunta wkoll oġġettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Fil-każ in diżamina, jirriżulta illi l-imputat kien irrabjat ħafna meta Joanne Debono ġabret it-tifla mingħandu, tlewmu u ma kienux ftiehmu fuq il-ħin tal-aċċess tiegħu għall-għada fil-għodu, tant illi beda jġib ruħu b'mod estrem u aggressiv billi, kif ingħad diġa', segwiha għal quddiem ir-residenza tagħha u kissrilha l-mobile phone tagħha. Din l-imġieba nisslet biża' fil-vittma u, bħalma kkonfermat fix-xhieda tagħha, wara li ġabret it-telefon tagħha minn mal-art fit-triq, reġgħet daħlet fil-karozza u sakkret il-bibien kollha għaliex l-imputat deher irrabjat ħafna. Tant hu hekk, kien kissrilha l-windscreen u għamel ħsara fil-bieba tal-karozza qabel laħqet saqet minn fuq il-post. Xehdet meta waslet ħdejn il-Knisja ta' Wied il-Għajn u rat lill-imputat fin-nofs tat-triq quddiemha, hija beżgħet tant illi baqgħet issuq biex tmur tagħmel rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż Żabbar.

In segwitu għall-episodju ta' aggressjoni li seħħ barra r-residenza ta' Joanne Debono f'Wied il-Għajn, l-imputat bagħat ukoll sensiela ta' messaġġi li fihom, kif rajna, uża kliem ta' theddid fosthom li ser jerġa' jinżel Wied il-Għajn u jekk ma teħodlux it-tifla "*bi kbira tkun*" u ser jiddispjaċiha. Fil-fehma tal-Qorti, it-ton u l-kliem ta' dawn il-messaġġi fl-isfond tal-vjolenza li kien għadu kif immanifesta l-imputat, huma kapaċi fihom infushom u b'mod oġġettiv, inisslul sensazzjoni ta' biża' fil-persuna li tirċevihom.

Magħdud dan kollu l-imġieba aggressiva tal-imputat meta ġimagħtejn qabel, waqt argoment, tant kien irrabjat li kisser ħafna affarijiet fir-residenza: imġieba li Joanne Debono xehdet li ġiegħlitha tibża' tant illi telqet mid-dar b'ta' fuqha u senduqha u beżgħet ukoll terġa' tmur lura biex tiġbor ħwejjiġha mid-dar[15].

[15] Din il-verżjoni ssib konfort fil-messaġġi li ntbagħtu minn Joanne Debono lill-imputat – ara speċifikatament SMS li ntbagħat fit-2 ta' Settembru 2021 (23:59) li jinsab f'paġna 181 tal-atti tal-kawża (paġna 10 ta' Appendiċi 2 tar-rapport Dok. KC) u SMSs oħrajn li ntbagħtu fl-1 u fit-2 ta' Settembru 2021 fejn talbet lill-imputat jħallilha ħwejjiġha barra f'boroż biex jiġborhomlha missierha..

Dawn id-diversi istanzi ta' imġieba imqanqla da parti tal-imputat li, kif stabbilit, nisslu jew huma kapaċi b'mod oġġettiv iqanqlu fil-vittma biża' li sejjer jintuża vjolenza fil-konfront tagħha, huma fil-fehma tal-Qorti, biżżejjed biex jissodisfaw l-elementi materjali tal-kondotta meħtieġa għar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9. In kwantu l-element formali, dan ukoll huwa ppruvat għaliex huwa evidenti li l-imputat aġixxa b'dan il-mod aggressiv u oppressiv unikament biex iġiegħel lil Joanne Debono tibża' għall-inkolumita' tagħha u jew li ssir ħsara lill-proprjeta' tagħha fl-eventwalita' li tiddeċiedi ma teħodlux it-tifla l-għada fil-għodu.

Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 ġew ippruvati fil-grad li jinħtieġ għal sejbien ta' ħtija fl-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika li r-reat ta' fastidju u r-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali huma aggravati bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251H, l-artikolu 251HA, l-artikolu 222(1) u l-artikolu 202 tal-Kap. 9.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-Avukat Ġenerali messu indika b'mod espress u speċifiku liema ċirkostanzi aggravanti msemmija fid-diversi paragrafi tal-artikolu 251H tal-Kap. 9, qed iqis li huma applikabbli għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, mhux biss għaliex huwa ovvju li diffiċilment jistgħu l-paragrafi kollha tal-imsemmi artikolu jsibu riskontru kontestwalment f'każ wieħed, iżda wkoll għaliex dan in-nuqqas sejjer indubbjament itawwal xogħol il-Qorti inutilment. Fil-fatt, ma jirriżultax illi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (b), (ċ), (e), (ġ), (h) u (i) tal-artikolu 251H jistgħu jsibu riskontru fil-fattispeċje tar-reati li dwarhom qed tinsab ħtija. In kwantu l-paragrafu (ċ) ma hemm ebda prova li Joanne Debono, omm il-wild tal-imputat, hija persuna vulnerabbli fit-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, u mir-rapport tal-okkorrenza Dok. EH3, jirriżulta li hija twieldet fis-sena 1976. Safejn imbagħad għandu x'jaqsam il-paragrafu (b) tal-artikolu 251H tal-Kap. 9, għandu jingħad illi l-

kondotta abitwali li jikkostitwixxi l-fastidju u l-biża' li tintuża l-vjolenza, huwa wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat u l-fatt illi l-imputat seta' bagħat biżibilju ta' messaġġi u għamel telefonati ripetuti fuq medda ta' ftit sigħat, ma jfissirx li d-delitti taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9 twettqu ripetutament. Ma jirriżultax lanqas illi l-imputat diġa' nstab ħati li kkommetta xi wieħed ta' dawn id-delitti preċedentement, li jfisser li d-dispożizzjonijiet paragrafu (i) tal-artikolu 251H huma inapplikabbli. Huwa wkoll eskluż li d-delitti in diżamina twettqu bl-użu ta' arma jew minn żewġ persuni jew aktar, u mhux ippruvat lanqas illi d-delitt ikkaġunaw offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma.

Għaldaqstant, ir-reati taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9 huma aggravati biss, għall-fini tal-artikolu 251H tal-Kap. 9, taħt **il-paragrafu (a)** – għaliex Joanne Debono hija s-sieħba ta' qabel tal-imputat **– il-paragrafu (d)** għaliex mix-xhieda jirriżulta li t-telefonati fastidjanti saru fil-presenza tal-minuri li kienet laħqet qamet u bdiet tibki meta l-vittma wieġbet waħda mit-telefonati waqt li kienet qed tagħmel ir-rapport, u **l-paragrafu (f)**, għaliex jirriżulta li qabel u waqt il-kommissjoni tar-reat ta' fastidju, l-imputat uża l-vjolenza meta kisser il-mobile u l-karozza tal-vittma.

Għalhekk il-piena għanda tiżdied mill-inqas bi grad wieħed.

In kwantu għaż-żjidiet fil-piena maħsuba **fl-artikolu 251HA li jagħmel referenza għall-artikolu 202 tal-Kap. 9,** l-Avukat Ġenerali hawnhekk ukoll naqas milli jindika bħala applikabbli għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-paragrafi speċifiċi tal-imsemmi artikolu 202 tal-Kap. 9. Madankollu, għall-Qorti huwa ovvju minnufih li l-uniku ċirkostanza aggravanti li ssib riskontru fil-każ odjern huwa dak maħsub fil-**paragrafi (h)(iv)(v) u (vi) tal-imsemmi artikolu 202** u dan għaliex il-provi jistabbilixxu inkonfutabbilment illi d-delitti saru fuq persuna li għandha tarbija komuni mal-ħati, li kienet tgħix fl-istess dar bħall-ħati qabel ma twettaq ir-reat, u li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Billi l-imputat m'huwiex akkużat u għalhekk mhux qed jinstab ħati ta' xi wieħed mir-reati maħsuba fl-artikoli 216, 217, 218, 220 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 222(1) tal-Kap. 9, indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, huma manifestament inapplikabbli f'dan il-każ.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat ta' ħsara volontarja kif maħsub taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9.

Il-Qorti diġa' qieset li l-verżjoni ta' Joanne Debono għandha tingħata affidabblita' bħala l-verżjoni li tirrappreżenta l-verita' ta' dak li seħħ bejnha u l-imputat, inkluż fil-lejl tas-16 ta' Settembru 2021 meta, kif xehdet bil-ġurament, l-imputat kisser il-mobile phone tagħha għaliex waddbu fit-triq, ta daqqa ta' ponn fuq il-windscreen tal-vettura tagħha u dan ixxaqqaq, u ta wkoll daqqa ta' sieq fil-bieba tan-naħa tax-xufier[16].

Il-ħsarat li ġarrbet il-vettura ta' Joanne Debono, tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni ACM 905, ġew eżaminati mill-espert ġudizzjarju, Dr. Mario Buttigieg, li fir-relazzjoni tiegħu elenka numru ta' ħsarat, inkluż ħsara fil-bumper ta' wara u l-fanal. Madanakollu, peress li Joanne Debono xehdet li l-imputat għamel ħsara biss fil-windscreen u fil-bieba ta' naħa waħda tal-vettura, il-Qorti sejra tikkunsidra biss dawn il-ħsarat speċifiċi biex tikkwantifika l-ammont tal-ħsara għall-fini tal-piena.

L-espert ġudizzjarju esprima l-fehma illi biex jissewwew il-ħsarat fil-windscreen, u fil-pum u l-bieba tan-naħa tal-lemin tal-vettura, jeħtieġ li jintefaq is-somma komplessiva ta' €390[17] in kwantu l-prezz ta' parts biss. Billi l-prezz komplessiv tal-parts kollha elenkati fir-relazzjoni hija ta' €740, u l-prezz tal-parts danneġġjati mill-imputat jirrappreżenta ċirka nofs il-valur totali tal-parts, il-Qorti tqis illi l-ispejjeż tax-xogħol u VAT li jeħtieġ li jintefaq biex jissewwew it-tliet parts danneġġjati mill-

[16] Il-ħsarat fil-vettura lkoll jidhru fir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg, Dok. MB1.
[17] 'Bieba quddiem naħa tal-lemin' - €180; 'windscreen quddiem' - €180; 'windscreen kit quddiem' - €30.

imputat, għandhom ukoll ikunu ta' nofs l-ammont likwidat mill-espert[18], ċioe' fis-somma ta' €401.20. Din is-somma għandha tiżdied mal-prezz tal-parts[19] biex b'kollox, l-ammont tal-ħsarat ikkaġunati bir-reat taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9 huwa ta' €791.20.

Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova tajba tal-ammont tal-ħsara li ġarrab il-mobile phone ta' Joanne Debono u konsegwentement, billi l-ammont tal-ħsara li ġie ppruvat kif imiss huwa ta' €791.20, il-piena applikabbli għandha tkun dik taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 325(1) tal-Kap. 9, ċioe' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax-il xahar.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli fir-raba' imputazzjoni bir-reat taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 399. Madankollu, l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika dan ir-reat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju bħala wieħed mir-reati li dwarhom tista' tinsab ħtija fl-imputat u għalhekk il-Qorti, billi ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni, serja tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-imputazzjoni bin-numru ħamsa (5) fiċ-ċitazzjoni, l-imputat ġie mixli li "*insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Joanne Debono*". Din l-imputazzjoni iżda, ma jidhirx li hi msejsa fuq xi dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali u fil-fatt, il-Qorti ma riskontrat ebda dispożizzjoni li tippunixxi min jinsulenta, jhedded jew jinġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil persuna oħra. Ir-reat li skont kif deskritt fil-liġi, jixbaħ ir-"*reat*" addebitat fil-ħames imputazzjoni, huwa r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 li dwarha l-imputat ġie mixli fl-imputazzjoni bin-numru sitta. Għaldaqstant, sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru ħamsa.

[18] €802.40.
[19] €390.

Fir-rigward tar-reat kontravvenzjonali addebitat fl-imputazzjoni bin-numru 6 taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, jirriżulta mill-messaġġi esebiti illi l-imputat hedded lil Joanne Debono diversi drabi meta wissiha li "*bi kbira ħa tkun*" u li sejjer jiddispjaċiha jekk ma ġġiblux it-tifla l-għada, u wkoll meta heddidha li jekk ma tobdihx, jerġa' jinżel Wied il-Għajn – referenza skjetta għall-fatt li ftit tal-ħin qabel biss kien niżel Wied il-Għajn fejn kissrilha ħwejjiġha.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali indika l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 li huwa r-reat kontravvenzjonali kommess minn persuna li jħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu, ma jirriżultax illi l-imputat ġie mixli b'dan ir-reat fiċ-ċitazzjoni, fejn il-Qorti ma riskontrat ebda imputazzjoni mfassla bil-kliem użat mil-leġislatur fl-imsemmi artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9. Għaldaqstant, m'hijiex sejra tiġġudika lill-imputat dwar dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll bil-kontravvenzjoni taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pio Galea**[20], fejn ingħad illi biex jissussisti dan ir-reat: "*irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanżi li fihom dak l-għemil jseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-*

[20] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997.

*inkolumita fiżika ta' persuna kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita ta' reażżjoni għal dak l-għemil.*"

Imbagħad, iktar riċentement, fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[21] , l-istess Qorti reġgħet trattat l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.* (emfasi ta' din il-Qorti)[22]

Minn dan jikkonsegwi illi għas-sejbien ta' ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, għalkemm mhux meħtieġ li tinġieb il-prova illi l-agir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` tagħha, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sodisfaċjentement mix-xhieda ta' Joanne Debono illi bl-egħmil vjolenti tiegħu

[21] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

[22] Iktar riċentement, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:- "*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, **we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'** (p.182).*" (enfasi ta' din il-Qorti)

fi triq pubblika ġewwa Marsaskala, ikkaġunalha tħassib serju għall-inkolumita' personali tagħha, ta' bintha kif ukoll tal-proprjeta' tagħha, liema tħassib ġie manifestat esternament bil-fatt li hija ħasset li kellha ssakkar il-bibien tal-karozza tagħha u ssuq minn fuq il-post biex tirrapporta lill-imputat lill-Pulizija.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli bħala reċidiv taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti kopja awtentikata ta' sentenza mogħtiha minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Lulju 2018 (Dok. EH12) fejn il-ħati f'dik is-sentenza, Bertram Zahra, li għandu l-istess konnotati u speċifikatament l-istess numru tal-karta tal-identita' (340390M) tal-imputat odjern, ġie kkundannat sena priġunerija. Mix-xhieda tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti jirriżulta li ma ġiex interpost appell minn din is-sentenza. Għall-Qorti dan ifisser illi l-imputat ikkommetta r-reati li dwarhom qed jinsab ħati wara li diġa' ġie kkundannat għal reat ieħor b'sentenza u għalhekk għandu jitqies bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9.

L-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Dan ifisser illi biex persuna titqies bħala reċidiv taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, jeħtieġ li jiġi ppruvat li (i) l-piena għad-delitt li dwaru l-persuna ġiet ikkundannata tkun ġiet skontata u (ii) il-persuna tikkommetti delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn meta ġiet

skontata l-piena jekk iż-żmien tal-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin fil-każijiet l-oħra kollha.

Applikat dan għas-sentenza Dok. EH12 datata 5 ta' Lulju 2018 fejn l-imputat ġie kkundannat sena priġunerija, huwa evidenti li din il-piena, li m'hijiex ta' iktar minn ħames snin, kellha tkun indiskutibbilment skontata sal-5 ta' Lulju 2019, li jfisser illi meta ġew kommessi r-reati li qed jinsab ħati dwarhom llum, ma kienux għaddew ħames snin minn meta ġiet skontata din is-sentenza, anke jekk għas-saħħa tal-argoment, il-piena ġiet skontata qabel il-5 ta' Lulju 2019. Għalhekk, billi l-imputat qed jinsab ħati ta' delitt li ġie kommess fi żmien ħames snin mid-data li fiha ġiet skontata l-piena, għandu jitqies bħala reċidiv ukoll għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 għaliex allegatament, kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'żewġ digrieti ta' din il-Qorti diversament preseduta.

Mill-provi jirriżulta li permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Diċembru 2019 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Melvyn Camilleri) v. Bertram Zahra**[23], din il-Qorti ppreseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak ħelset lill-imputat f'dik il-kawża mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettix deitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest (kundizzjoni bin-numru 4) u li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mid-9 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel is-6 a.m. (kundizzjoni bin-numru 6). L-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija kien ta' €5,000. L-Ispettur Melvyn Camilleri xehed[24] li huwa l-uffiċjal prosekutur fil-proċeduri fejn l-imputat odjern, Bertram Zahra, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest permezz tal-imsemmi digriet tat-12 ta' Diċembru 2019 (Dok. EH11), liema

[23] Ara kopja awtentikata tad-digriet Dok. EH11.
[24] Xhieda tal-15 ta' Frar 2022.

proċeduri kienu għadhom sa dak iż-żmien, pendenti. Ikkonferma wkoll illi l-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet Dok. EH11 ma kienux ġew varjati.

Barra minn hekk, jirriżulta li permezz ta' digriet ieħor mogħti fit-8 ta' Awwissu 2019 minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit, fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Wayne Camilleri) v. Bertram Zahra**[25], l-imputat f'dawk il-proċeduri kien ukoll ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix deitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest (kundizzjoni bin-numru 4), u li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard minn 12.00 a.m. u ma joħroġx minn hemm qabel is-6.00 a.m. (kundizzjoni bin-numru 6). L-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija kien ta' €10,300. L-Ispettur Wayne Camilleri, l-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri li fihom ingħata d-digriet tal-ħelsien mill-arrest fit-8 ta' Awwissu 2019 ikkonferma fix-xhieda tiegħu[26] li l-imputat f'dawk il-proċeduri mhu ħadd ħlief l-imputat odjern Bertram Zahra u li dak iż-żmien l-proċeduri kienu għadhom pendenti.

Issa l-provi jistabbilixxu illi l-imputat ma kienx rinkażat fid-9.00 p.m. għaliex kif jirriżulta mix-xhieda ta' Joanne Debono, huwa kien niżel Wied il-Għajn quddiem ir-residenza tagħha wara li ġabret it-tifla mingħandu għall-ħabta tad-9.30 p.m. fejn hemmhekk kissrilha l-mobile phone u għamel ħsara fil-vettura tagħha u in segwitu mar warajha sa ħdejn il-knisja ta' Wied il-Għajn. Dan kollu naturalment seħħ wara l-ħin tad-9.00 p.m. iżda mhux ippruvat sodisfaċjentement illi l-imputat dam barra sa wara nofsilejl u l-Qorti m'hijiex konvinta għalhekk li kiser ukoll il-kundizzjoni tar-rinkażar imposta fid-digriet tat-8 ta' Awwissu 2019.

Madankollu, l-imputat qed jinsab ħati li kkommetta diversi delitti waqt li kien meħlus mill-arrest bis-saħħa taż-żewġ digrieti msemmija u għalhekk għandu jitqies li kiser il-kundizzjonijiet ta' mhux wieħed biss, iżda taż-żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest: dak datat 12 ta' Diċembru 2019 kif ukoll dak datat 8 ta' Awwissu 2019.

---

[25] Ara kopja awtentikata tad-digriet Dok. EH7.
[26] Xhieda tas-17 ta' Novembru 2021.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti qieset ix-xhieda taż-żewġ uffiċjali tal-Probation li kienu qed isegwu lill-imputat taħt Ordni Provviżorju ta' Superviżjoni fi żminijiet konsekuttivi.

Mary Anne Zammit, li kienet ilha ssegwi lill-imputat sa mill-2006, xehdet li Bertram Zahra ilu diversi snin ibati minn problemi fl-imġieba tiegħu, fejn isib diffikolta' jimmaniġġja l-emozzjonijiet tiegħu u per konsegwenza jġib ruħu b'mod aġitat, nervuż, aggressiv kif ukoll vjolenti. Jirriżulta wkoll li l-imputat jabbuża mid-droga kokaina u eroina, liema vizzju kabbret il-problemi psikjatriċi tiegħu u ġie identifikat bżonn inġenti ta' terapija psikoloġika għall-kontroll tar-rabja. Meta reġgħet xehdet fis-17 ta' Mejju 2023 l-Uffiċjal tal-Probation spjegat illi għalkemm għall-bidu l-imputat kien jattendi għall-appuntamenti u kienu bdew jaħdmlu fuq pjan ta' kura fejn kellu jibda sessjonijiet ma' psikjatra biex jindirizza l-problema inġenti tan-nuqqas ta' kontroll tar-rabja - liema problema hi ddeskrivietha bħala waħda "*fondamentali*" - ma kompliex jattendi għall-appuntamenti li kienet tiffissa, ma baqax isegwi l-pjan ta' kura u jieħu t-terapija, u kien jaqtagħlha kull meta kienet tipprova ċċempillu jew tagħmel kuntatt miegħu[27].

Għalkemm din il-problema jidher li ssolviet matul iż-żmien meta l-imputat kien qed jiskonta piena karċerarja fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sal-14 ta' Settembru 2024, minn eżami tar-rapport li ġie ppreżentat fl-20 ta' Novembru 2024 mill-Uffiċjal tal-Probation Ritianne Sultana Grech, fuq talba tad-difiża, jirriżulta li wara li skonta l-piena u ħareġ mill-ħabs, l-imputat ma ssottometta ebda kampjun għal ittestjar u ma kienx regolari fl-attendenza tiegħu għall-appuntamenti mal-Uffiċjal tal-Probation.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll diversi fatturi oħrajn, fosthom il-fatt illi l-istess atti li bihom l-imputat ikkommetta r-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, taw lok ukoll fl-istess

[27] Ara wkoll rapport tal-Uffiċjal tal-Probation, 1 ta' Awwissu 2023.

waqt għar-reat tal-fastidju u r-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 kif ukoll, in parte, għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 u għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' konkorrenza formali ta' reati u pieni, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 kif aggravat bl-applikazzjoni tal-artikoli 251H, 251HA u 202 tal-Kap. 9.  Billi, iżda, huma ppruvati tliet ċirkostanzi separati, jew iktar, li jaggravaw il-piena, tqis illi għandha tapplika żieda ta' żewġ gradi fil-piena.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tqis li għandha tinfliġġi piena karċerarja fuq l-imputat bi trattament mandatorju għall-vizzju tad-droga u l-kondizzjonijiet psikjatriċi jew psikoloġiċi tiegħu, għaliex b'hekk biss jista' jifhem is-serjeta' tal-imġieba tiegħu, apparti l-fatt illi hija fehmet ukoll illi l-imputat jeħtieġ li jinżamm f'ambjent ikkontrollat biex jirrikonoxxi l-ħtieġa inġenti tar-rijabilitazzjoni tiegħu u b'hekk jestrapola ruħu darba għal dejjem miċ-ċirku vizzjuż tad-droga, li jidher li qiegħed jolqot ukoll b'mod negattiv l-abilita' tiegħu li jikkontrolla l-emozzjonijiet negattivi u r-rabja.  Imġieba li kif rajna, tista' biss tkompli tmexxih fit-triq tal-kriminalita' u tagħmel ħsara lilu u lil dawk qrib tiegħu.

Peress illi l-imputat qed jinsab ħati bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti hija prekluża minħabba dak li jiddisponi s-subartikolu (7)(b) tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 milli tagħmel ordni taħt l-artikolu 28A(1), u għal din ir-raġuni **biss** sejra jkollha tinfliġġi piena karċerarja effettiva.

**Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 202(h)(iv)(v)(vi), 251A, 251B, 251Ċ, 251H(a)(d)(f), 251HA, 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e) u 579(2), ilkoll tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil BERTRAM ZAHRA ħati biss tal-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, 6, 7, 8 u 9 kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva, u tikkundannah sentejn priġunerija.**

**Għall-fini tal-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali:-**

- **tordna l-konfiska parzjali tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Wayne Camilleri) v. Bertram Zahra fid-digriet tat-8 ta' Awwissu 2019 (Dok. EH7) fis-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) u tilqa' t-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-istess digriet imsemmi u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati; u**
- **tordna l-konfiska tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Melvyn Camilleri) v. Bertram Zahra fid-digriet tat-12 ta' Diċembru 2019 (Dok. EH11) fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) u tilqa' t-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-istess digriet imsemmi u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf seba' mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1,753.28) rappreżentanti l-ispejjeż imħallsin lill-esperti maħturin fil-proċeduri[28] fi żmien sitt (6) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Joanne Debono għal żmien sentejn.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati biex jingħata trattament psikoloġiku biex jikkontrolla r-rabja, l-kura għall-kundizzjoni ta' l-ADHD, u l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna wkoll lill-ħati, BERTRAM ZAHRA sabiex iħallas lil Joanne Debono**

[28] Dr. Mario Buttigieg (€912.38) Dok. MB1 u Keith Cutajar (€840.90) Dok. KC.

**is-somma ta' seba' mija u wieħed u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€791.20) li hija s-somma li qed tiġi stabbilita bħala kumpens għall-ħsara kkaġunata lill-istess Joanne Debono b'riżultat tar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali li ġie kommess għad-detriment tagħha.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Tordna li tintbaghat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole u lill-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrrettivi ghall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament, u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trazzin.**

**Tordna wkoll li tintbagħat kopja tas-sentenza lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni mogħtija taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tal-ordni tal-konfiska taħt l-artikolu 579(2) tal-istess Kodiċi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**